B 2643

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024

Taqsima B

A.L. 351 tal-2024

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75(1)(g) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Tħassir u riżervi. L.S. 406.04.

2. Ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti) huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħthom.